Brandon kien fil-ħames sena tal-iskola. Kien iħobb imur għal-lezzjonijiet tad-duttrina għax kien jitgħallem ħafna fuq Ġesù iżda meta kien ikun l-iskola mhux dejjem kien jirnexxilu jagħmel dak li hu sewwa. Dan għaliex kien iqatta' l-ħin tiegħu ma' grupp ta' ħbieb li ma kellhomx imġiba eżemplari. Brandon qatt ma kellu l-kuraġġ biex ma jibqax joqgħod magħhom għax kien jibża' li nkella jispiċċa bla ħbieb. Dejjem kienu jivvintaw xi ċajta goffa fuq tfal oħra u anke jaraw kif jagħmlu biex itellfu fil-klassi. Darba waħda, waqt li Brandon u t-tliet sħabu l-oħra kienu fil-bitħa, iddeċidew li jmorru jaħtfu l-ballun mingħand żewġt itfal li kienu qed jilagħbu biex setgħu jilagħbu bih huma. Brandon kien jaf li din ma kinitx ħaġa sewwa. Kien jaf ukoll li setgħu faċilment isaqsu lill-għalliema tagħhom biex tagħtihom ballun. Iżda Brandon kien jaf li sħabu riedu jagħmlu hekk għall-unika raġuni biex jaraw ma' min se jaqbdu. Għalhekk, kontra qalbu kellu jmur magħhom biex jaħtfu l-ballun ta' dawk iż-żewġt itfal. Minn hawn u minn hemm irnexxielhom joħdulhom il-ballun u telqu jiġru bih għan-naħa l-oħra tal-bitħa. Brandon iddispjaċih għal dawk iż-żewġt itfal u kontra qalbu kellu jilgħab magħhom ... Għax mur ara x'jgħidulu kieku qalilhom li dak li kienu għadhom kif għamlu kien ħażin!